MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1058/1998/1

**David Felici**

**Vs**

**Stephen u Tania konjugi Mamo**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI: IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR**

1. L-attur ipprezenta citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuti fejn kien talab lill-Qorti sabiex fl-ewwel lok tiddikjara l-konvenuti unikament

responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li kien sehh fit-2 ta’ April, 1998, fi Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, bejn il-vettura ta’ l-esponent JAB-468 u l-vettura tal-konvenuti JAV-574, u kif ukoll responsabbli ghad-danni kollha li b’konsegwenza garrab l-attur. Fit-tieni lok, il-Qorti ntalbet tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ sitt elef lira Maltin (Lm6,000) jew ammont verjuri okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi u fit-tielet lok l-esponent talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu l-attur is-somma ta’ sitt elef lira Maltin (Lm6,000) jew dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lill-attur in linea ta’ danni;

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti eccepew illi:-

(i) Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti l-attur;

(ii) Illi jsegwi, riferibilment ghat-tieni talba, illi ma hemmx danni ta’ l-atturi x’jigu likwidati fil-konfront ta’ l-eccipjenti;

(iii) Illi jizdied riferibbilment ghat-tielet talba illi ma hemm ebda quantum ta’ danni li l-eccipjenti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur;

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza datata 2 ta’ Ottubru, 2000, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-APPELL TA’ L-ATTUR**

4. L-attur hassu aggravat bis-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti datata 2 ta’ Settembru, 2000, u nterpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti:

(i) Illi jidher li l-Ewwel Qorti strahet kompletament fuq il-verzjoni tal-konvenut u dan meta, l-esponent gab bizzejjed

provi biex juri b’mod car illi kien il-konvenut li kien responsabbli ghall-incident mertu tac-citazzjoni.

(ii)  Illi fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-Ewwel Qorti tidher li strahet fuq il-posizzjoni tal-vetturi wara l-incident u l-fatt li l-vettura ta’ l-attur sabet ruhha fuq in-naha tal-konvenut. L-Ewwel Qorti ikkunsidrat illi:

*“Illi minn dan kollu jidher li l-unika haga definita f’dan l-incident hija l-posizzjoni tal-vetturi waqt l-incident u fejn grat il-habta.  Infatti jirrizulta li din grat fuq in-naha tat-triq tal-konvenut.  Din l-prova taggrava l-posizzjoni ta’ l-attur li jrid juri lill-Qorti li l-incident gara hemmhekk minhabba xi cirkostanza pre-ezistenti rizultanti minn xi nuqqas tal-konvenut li gjal lill-attur jmur wrong side”*

Illi da parti tieghu l-attur kemm fil-verzjoni li huwa ta lill-ufficjal tal-pulizija li ghamel ir-rapport, ezatt wara l-incident, u kif ukoll fix-xhieda tieghu dejjem insista illi:

“*Niccara illi … huwa fil-fatt kien qieghed isuq fl-istess karreggjata tieghi.  F’dak il-hin deherli li ma kien hemm l-ebda perikolu.  F’daqqa wahda l-konvenut biddel id-direzzjoni tieghu u rega’ gie ghal lejn nofs it-triq.  B’dan il-mod huwa dahal fuqi u laqatni fuq il-passenger side.  Bid-daqqa li qlajt jien spiccajt in-naha l-ohra tat-triq kif jirrizulta fl-iskizz”*

Illi ghaldaqstant, kuntrarjament ghal dak li dwaru kkunsidrat l-Ewwel Qorti, l-esponent fil-fatt ta’ spjega ta’ kif il-vettura tieghu spiccat fejn spiccat, u kien proprju ghaliex l-incident sehh kif indika l-attur, li wara l-incident l-konvenut beda jirsisti li l-appellanti jirraporta li l-vettura tieghu kienet insterqet minflok igib il-pulizija, kif fil-fatt gara.

(iii)  Illi l-Ewwel Qorti jidher ukoll li rragunat illi minkejja li persuna tkun xorbot xi alkohol, b’daqshekk ma jfissirx li wiehed ma jistax jikkontrolla l-vettura tieghu.  L-esponent jissottometti pero` l-kuntrarju.  It-tisrip bil-vettura min-naha ghall-ohra tat-triq, ftit li xejn jawgura affarijiet sbieh fil-kontroll li kellu l-konvenut tal-vettura tieghu.  Anke l-ufficjal

tal-pulizija 787 Ray Camilleri, li kuntrarjament ghall-ufficjal l-iehor, mar minn ta' l-ewwel fuq il-post jghid li l-agir tal-konvenut kien jidher li ma kienx wiehed li kien f'kontroll tieghu nnifsu (Fol. 72):-

*"Kien he looked tipsy le, jigifieri mhux kif jitkellem normali. Meta ragel ikollu drink normalment jitkellem it-tendenza hi li jitkellem hafna. Hu gie japprowcjani u beda jkellimni b'dik ic-certu, qed tifhem? U filfatt xammejt, xammejt ir-riha…"*

Illi dwar dina l-kwistjoni li l-konvenut kien xurban, wiehed ma jridx jikkunsidra jekk hux possibbli li tkun taht l-influwenza ta' l-alkohol u xorta ssuq tajjeb, izid l-ezami jrid isir fil-kaz odjern u ossia' meta wiehed jara l-assjem tal-provi, fejn ghandek persuna li qed jinghad li kien qed isserrep min-naha ghall-ohra tat-triq u din il-persuna jinxtamm fuqha riha qawwija ta' xorb.

Illi ghalhekk jinghad bir-rispett illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident, ghaliex mill-komportament tieghu u l-mod kif kien qed isuq, kien jidher ghan-nies kollha li kienu prezenti ftit tal-hin wara l-incident, li huwa kien b'mod manifest mhux f'kundizzjoni li jikkontrolla sewwa lilu nnifsu, ahseb u ara l-vettura li kien qed isuq.

(iv) Illi meta wiehed jara d-dinamika ta' l-incident, jigi notat li l-verzjoni moghtija mill-konvenut, kienet wahda mhux veritiera u li saret b'mod li l-konvenut jipprova kemm jista jkun jaghti verzjoni li tkun tidher kredibbli u li tixbah u toqghod ghal ma' dak li jidher fl-iskizz.

L-appellant kuntrarju ghal kunsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti, ma jaqbilx li x-xhud George Attard ghandu jittiehed bis-serjeta`. Illi dan ix-xhud kien bl-aktar mod manifest evaziv fir-risposti tieghu u hlief jirrispondi bi kliem bhal "ma nafx", "nahseb", "Mhux hekk nahseb" u "Insejt jiena" ma ghamilx. Il-kumment ta' l-Ewwel Qorti li Attard wiegeb "bla tlaqliq" ipingi sitwazzjoni li hija ferm differenti minn dak li veru ghamel George Attard fuq il-pedana tax-xhieda.

Illi jinghad ukoll li ma jaghmilx sens kif allega l-konvenut, li biex wiehed isuq lejn ic-Cirkewwa jghaddi mill-Mgarr u Ghajn Tuffieha, u dana sabiex suppost jigi evitat it-traffiku (Fol. 92). Ftit li xejn wiehed jista' jitkellem dwar traffiku f'gurnata fosta il-gimgha fid-disgha ta' filghaxija. Inoltre t-triq ta' San Martin, li l-bokka taghha tidher fl-iskizz, kulhadd jaf li minnha tqassar biex tasal ghac-Cirkewwa. L-Ewwel Qorti, jidher li donnha ma haditx ukoll in konsiderazzjoni l-prova li ngiebet tramite x-xhieda Carmelo Felici (Fol. 28) Pauline Felici (Fol. 36) u PC 787 Ray Camilleri (Fol. 73) li kollha kemm huma tkellmu mal-konvenut minuti wara l-habta u dan qalilhom li huwa kien ser idawwar ghat-triq ta' San Martin. Fix-xhieda tieghu konvenjentement il-konvenut jibdel il-verzjoni tieghu u jghid li huwa baqa' sejjer ghad-dritt.

Illi anke d-daqqa fuq il-vetturi tindika li l-habta grat kif sostna l-attur. Minkejja li d-daqqa fuq il-vetturi kienet wahda frontali jidher car mir-ritratti esebiti u in parte anke mill-iskizz, li d-daqqa l-attur l-aktar li hadha kien fuq in-naha tal-passiggier (di fatti l-fanal fuq in-naha tax-xufier lanqas biss tkisser). Illi ghalhekk l-vettura tal-konvenut bilfors li kienet qed tinstaq fil-karreggjata ta' l-attur u mhux vice versa kif qal il-konvenut. Dwar dan il-punt, l-Ewwel Qorti ma kkummentat xejn. Il-konvenut, fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu prezentata ma' l-eccezzjonijiet jghid (Fol. 33 para 2) *"… u billi s-sahha fil- habta fil-faccata tal-Mitsubixi kienet aktar fuq ix-xellug..."* meta wara fix-xhieda tieghu viva voce, jibdel il-verzjoni u jghid hekk (Fol. 93):-

*"Fuq in-naha tal-lemin ifhimni, mhux fuq in-naha tax-xellug…in-naha tad-driver".*

Din il-verzjoni hija kontradittorja u dak li ntqal viva voce mill-konvenut ma' ghandux mis-sewwa.

Ghaldaqstant, l-attur appellant talab illi s-sentenza moghtija mill-Qorti Prim Awla fit-2 ta' Ottubru, 2000, fuq riferita tigi annullata, rivokata u mhassra minn dina l-Qorti u minflok jigi deciz billi jigu milqugha t-talbiet ta' l-attur appellant hekk kif dedotti fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TA' L-ATTUR</u>**

5. L-appellati wiegbu hekk:-

(i) Illi s-sentenza appellata hi gusta u jisthoqqilha konferma.

(ii) Illi dan l-incident, fortunatament, jipprovdi evidenza ta' natura <u>oggettiva</u>, evidenza li la tghid haga b'ohra apposta u anqas issofri minn "shock" u turi b'mod cert dak li gara.

(iii) Illi z-zewg vetturi, kienu (fit-triq li miz-Zebbiegh tieghu lejn Ghajn Tuffieha) 'oncoming' ghal xulxin, bil-Honda Nru JAB 468 tinsaq mill-appellant fid-direzzjoni tal-Mosta u l-Mitsubishi Nru. JAV 574 tinsaq mill-esponent f'direzzjoni kuntrarja. Bhalma xehed l-esponent (korroborat mill-passiggier tieghu) il-Honda ta' l-attur giet mill-faccata ghar-"wrong side" u ggancjat minn quddiem lil Mitsubishi u dawwritha minn quddiem 'l barra b'mod li l-incident sehh kollu kemm hu fil-"proper side" ta' l-esponent u, korrispondentement fir-"wrong side" ta' l-appellant.

(iv) Wara l-incident wasal fuq il-post missier l-appellant (exPS) li tkellem kollox hu. U hawn bdew l-iskuzi: li l-esponent kien "wrong side" u fl-"agony of the collision" irriprenda l-"proper side" – haga li ma setghetx issir bla ma l-Mitsubishi ta' l-esponent thalli xi marki konformi mal-manuvra imsemmija fil-karreggjata. Gieb ukoll l-iskuza li l-esponent kien xurban! Haga mhix minnha ghax min ikun ha xi zewg fliexken birra ma jkunx 'xurban'!

(v) Apparti dan, l-esponent josserva hekk:-

(a) din mhix kawza dwar xorb, ut sic, izda dwar "manner of driving" u l-evidenza oggettiva tgiddeb li l-esponent kien isuq hazin;

(b) fl-assenza ta' test xjentifiku (urina jew demm) hu difficli li tghid li bniedem kien 'xurban' minn semplici riha jew ghax bniedem, wara ncident ma jkunx ghal kollox trankwill ghax hu difficli ferm li tiddistingwi l-effett tax-"shock" minn xorb. Anqas it-test primittiv li wiehed jigi

mitlub jimxi fuq linja dritta ma tqies accettabbli! Dan kollu qed jinghad ghax l-attur u "shabu" dehrilhom li seghu jiccertifikaw is-sobrieta` o meno ta' l-esponent.

(vi) Illi ghalhekk, il-prova oggettiva ghandha tirrendi mhux pruvat dak li kellu jipprova l-attur u cioe` li l-incident gara bi htijiet imputabbli lill-esponent.

(vii) Skuza ohra ta' l-appellant hi li l-esponent ipprova jikser lejn San Martin – prova li ma saritx, u ma setghetx issir ghax l-esponent kien sejjer fid-dritt lejn Ghajn Tuffieha fi triqtu lejn Ghawdex – haga li tenna ghadd ta' drabi.

Ghaldaqstant l-appellat talab li din il-Qorti ta' l-Appell joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell ta' l-attur appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Essenzjalment l-aggravju ewlieni ta' l-attur appellant huwa dak li l-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Jghid li din qaghdet biss fuq il-verzjoni tal-konvenuti u fuq il-posizzjoni tal-vetturi wara li sehh l-incident. L-appellant ta spjega ragjonata dwar x'kienet ir-raguni li l-vetturi tal-partijiet spiccaw f'dik il-posizzjoni kif muri fl-iskizz tal-pulizija. L-Ewwel Qorti ma tat ebda kaz ta' l-agir ta' l-appellat wara l-habta. Ma tatx lanqas debitu piz lejn dak li xehdu diversi xhieda dwar l-istat u l-komportament tal-konvenut, li deher li kien xurban. Hemm xhieda inoltre li turi li l-konvenut fil-fatt kien fi hsiebu jikser lejn San Martin u mhux ikompli miexi ghad-dritt. Ix-xhieda kemm tal-konvenut u tal-passiggier li kellu riekeb mieghu, George Attard, kienet xhieda inaffidabbli u inveritjera. Anki l-konfigurazzjoni tad-danni fuq il-vettura tiggjova t-tezi ta' l-attur.

7. Min-naha l-ohra, l-appellati jsostnu li l-evidenza li oggettivament irrizultat mill-provi kienet tali li ghandha timmilita kontra dak kollu li ghadu jsostni l-attur appellant. Il-fatt hu li kien l-appellant, u mhux il-konvenut, li invada l-karreggjata tal-konvenut. Jekk kien hemm xi hadd isuq

“wrong side”, dan ma kien hadd hlief l-attur. L-allegazzjoni li l-konvenut kien taht l-influwenza tax-xorb, liema stat effettwalu s-sewqan, assolutament mhix ippruvata. It-tezi l-ohra ta’ l-attur li l-konvenut kien ser jikser lejn San Marin ma tirrizultax ippruvata lanqas. Il-konvenut, invece, ipprova li hu kien u baqa’ miexi ghad-dritt lejn id-direzzjoni ta’ Ghajn Tuffieha.

8. Din il-Qorti tibda billi tosserva li trattandosi hawn ta’ provi ta’ fatt, hija l-prassi taghha li ma tiddisturba qatt leggerment dik l-evalwazzjoni li tkun saret mill-Qorti ta’ l-ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet gravi li jiddettaw xorta ohra.

Minn ezami tal-provi jirrizulta evidenti li hemm verzjonijiet kontrastanti. L-attur jghid li l-incident gie pprecipitat mis-sewqan inkonsult u hazin tal-konvenut li beda “jserrep” il-vettura tieghu; filwaqt li l-konvenut jinsisti li hu kien miexi ghad-dritt sakemm f’daqqa wahda tfacca ghall-gharrieda l-attur fuq in-naha tieghu tat-triq u saret habta qawwija frontali.

9. Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-prova ta’ l-akkadut tispetta maggorment lill-parti attrici u dan a bazi tal-principju li min jallega jrid jipprova. Fi kliem iehor, l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq l-attur f’dan il-kaz. Diga` gie osservat <u>supra</u> li l-kontendenti jaghtu verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. Meta l-verita` tal-fatti ma tkunx tista` facilment tigi stabbilita, l-indagni tal-gudikant ikollha titwessa ghall-fatti, xiehda u indizzji ohra li b’xi mod jistghu jaghtu aktar dawl fuq il-fatti tal-kaz.

10. Illi mill-provi oggettivi, ma hemmx dubju li z-zewg vetturi spiccaw it-tnejn fuq in-naha l-hazina tat-triq. Madanakollu huwa wkoll fatt <u>li kien l-attur li jidher li invada l-karreggjata li minnha kien ghaddej il-konvenut u mhux bil-kontra.</u> Tali fatt ikompli jzid l-oneru tal-prova fuq l-attur. L-attur isemmi li l-konvenut beda “jserrep” fit-triq waqt is-sewqan, imma din ic-cirkostanza hija michuda kemm mill-konvenut, kif ukoll minn George Attard, passiggier fl-istess vettura tal-konvenut. Hemm allegazzjoni wkoll li l-konvenut kien fi hsiebu jikser lejn San Martin imma tali

cirkostanza mhux biss hija michuda mill-kontroparti imma lanqas tirrizulta li taghmel sens ghaliex ma kenitx verament dik id-direzzjoni tal-konvenut. Hemm allegazzjoni ta' sewqan taht l-influwenza tax-xorb. F'dan ir-rigward, jista' biss jinghad li l-attur irnexxielu biss jistabilixxi bidu ta' prova li l-konvenut u siehbu kienu xorbu "xi erba' fliexken birra" – certament din m'hijiex bizzejjed biex tikkostitwixxi prova ta' sewqan taht stat ta' sokor. L-istess mod jinghad ghall-fatt li l-konvenut kellu riha ta' xorb alkoholiku. Ma tridx tkun fi stat ta' sakra biex, wara li tkun xrobt il-birra, wiehed ikollu riha ta' xorb. Bl-istess mod li PC 787 Ray Camilleri xehed dwar il-komportament suspettuz tal-konvenut (e.g. tlablib kontinwu), dan ix-xhud jistqarr li apparti li skond hu l-konvenut deher "tipsy", dwar l-incident ut sic huwa ma seta' jelucida xejn ghaliex tali haga kienet tispetta lis-superjur tieghu, PS 121 Jimmy Muscat, li dam madwar siegha biex jasal fuq il-post. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti jezistu diversi fatturi li jimmilitaw kontra t-tezi ta' l-attur. L-Ewwel Qorti per ezempju ma setghetx tifhem x'raguni vera kien hemm, dato l-wisa' tat-triq fejn sehh l-incident u l-fatt li skond ix-xhieda moghtija mill-attur dan kien ghaddej isuq bi 'speed' baxx, biex il-vettura ta' l-attur tispicca fin-naha l-hazin tat-triq. L-Ewwel Qorti qalet car u tond li hija ma setghetx temmen li l-attur verament kien isuq bi 'speed' baxx.

11. Din il-Qorti gharblet mill-gdid il-provi akkwiziti u ma sabet xejn talment ta' sostanza li kellu jinduciha biex tbiddel is-sentenza minn kif moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------